31975D0365

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-16 ta' Ġunju 1975
li jistabbilixxi Kumitat ta' Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika

(75/365/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-applikazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill fejn għandu x'jaqsam l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti dawn is-servizzi u l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet provduti bil-liġi, bir-regolament jew bl-azzjoni amministrattiva fejn għandhom x'jaqsmu attivitajiet tat-tobba tista' tqajjem problemi li għandhom jiġu eżaminati flimkien;

Filwaqt li kumitat immexxi mill-Kummissjoni, li jikkonsisti f'rappreżentanti ta' l-Istati Membri mill-awtoritajiet ta' dawn ta' l-aħħar, għandu jiġi stabbilit b'dan il-għan,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Kumitat ta' Uffiċjali Anzjani dwar is-Saħħa Pubblika, minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "il-kumitat", għandu jiġi stabbilit fi ħdan il-Kummissjoni.

L-Artikolu 2

Il-mandat tal-kumitat għandu jkun:

— li jiskopri u janalizza xi diffikultajiet li jistgħu jitqajmu mill-implimentazzjoni tad-Direttivi Nru 75/362/KEE [1] u Nru 75/363/KEE [2];

— li jiġbor l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kondizzjonijiet li taħthom kura medika ġenerali u speċjalizzata tingħata fl-Istati Membri;

— li jagħti opinjonijiet li jistgħu jiggwidaw ix-xogħol tal-Kummissjoni bil-għan li d-Direttivi msemmija hawn fuq jiġu emendati.

L-Artikolu 3

1. Il-kumitat għandu jikkonsisti f'uffiċjali anzjani mill-Istati Membri li għandhom responsabbiltà diretta fis-settur tas-saħħa ġenerali.

2. Il-membri tal-kumitat għandhom jinħatru mill-Istati Membri, fejn kull wieħed minnhom għandu jaħtar membru wieħed u altern wieħed.

3. Il-kumitat għandu jkun immexxi minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 4

Il-kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Ġunju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

R. RYAN

---

(1) ĠUL 167, tat-30.6.1975, p 1.
(2) ĠUL 167, tat-30.6.1975,p 14.